

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Hanssen Beleggingen BV

Konvenuta: Tanja Prast-Kniping

**Dispożittiv**

L-Artikolu 22(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ma japplikax għall-proċeduri intiżi li jiġi ddeterminat jekk persuna ġietx irreġistrata b'mod ġust bħala l-proprjetarja ta' trade mark.

<sup>(1)</sup> ĠU C 326, 5.9.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-5 ta' Ottubru 2017 – Wolf Oil Corp. vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), SCT Lubricants UAB**

(Kawża C-437/16 P) <sup>(1)</sup>

(Appell — Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea — Trade mark verbali CHEMPIOIL — Trade mark figurattiva preċedenti CHAMPION — Ċaħda tal-oppożizzjoni)

(2017/C 402/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellanti: Wolf Oil Corp. (rappreżentanti: P. Maeyaert u J. Muyldermans, advocaten)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentant: L. Rampini, aġent), SCT Lubricants UAB (rappreżentant: S. Labesius, Rechtsanwalt)

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Wolf Oil Corp. hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 428, 21.11.2016.

---

**Appell ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2017 minn Krassimira Georgieva Mladenova mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fl-24 ta' April 2017 fil-Kawża T-814/16, Krassimira Georgieva Mladenova vs Il-Parlament Ewropew**

(Kawża C-405/17 P)

(2017/C 402/09)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellanti: Krassimira Georgieva Mladenova

Parti oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew

Permezz ta' digriet tal-10 ta' Ottubru 2017 il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ġhaxar Awla) iddeċidiet li l-appell kien inammissibbli.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Tübingen (il-Ġermanja) fil-11 ta' Awwissu 2017 – Südwestrundfunk vs Tilo Rittinger, Patric Wolter, Harald Zastera, Dagmar Fahner, Layla Sofan, Marc Schulte**

**(Kawża C-492/17)**

(2017/C 402/10)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Tübingen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Südwestrundfunk

Konvenuti: Tilo Rittinger, Patric Wolter, Harald Zastera, Dagmar Fahner, Layla Sofan, Marc Schulte

**Domandi preliminari**

- 1) Il-Baden-württembergisches Gesetz vom 18.10.2011 zur Geltung des Rundfunkbeitragsstaatsvertrags (liġi ta' Baden-Württemberg tat-18 ta' Ottubru 2011, dwar l-applikazzjoni tat-Trattat inter-Statali dwar il-kontribuzzjoni awdjoviżiva tas-17 ta' Diċembru 2010, iktar 'il quddiem il-“RdFunkBeitrStVBW”), kif emendata l-aħħar permezz tal-Artikolu 4 tan-Neunzehnter Rundfunkänderungsstaatsvertrag (id-dsatax-il trattat inter-Statali dwar tibdil fix-xandir) tat-3 ta' Diċembru 2015 (liġi tat-23 ta' Frar 2016 – GBl. p. 126, 129) hija inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, peress li l-kontribuzzjoni stabbilita minn dan it-test u li għandha fil-prinċipju titħallas mingħajr eċċezzjoni minn kull adult li jirrisjedi fil-Land Ġermaniż ta' Baden-Württemberg favur l-organi tax-xandir SWR u ZDF tikkostitwixxi għajnuna preferenzjali li tikser id-dritt tal-Unjoni Ewropea, sa fejn din tagħti esklużivament vantaġġ lil dawn l-organi pubbliċi tax-xandir meta mqabbla ma' organi tax-xandir privati? L-Artikoli 107 u 108 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li din il-liġi li tikkonċerna l-kontribuzzjoni awdjoviżiva kellha tiġi approvata mill-Kummissjoni u li, fin-nuqqas ta' tali approvazzjoni, hija ineffettiva?
- 2) L-Artikoli 107 u 108 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li japplikaw għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali “RdFunkBeitrStVtrBW” li jipprevedu li kull adult residenti f'Baden-Württemberg għandu fil-prinċipju jħallas mingħajr eċċezzjoni kontribuzzjoni esklużivament favur xandara uffiċjali/tas-servizz pubbliku, peress li din il-kontribuzzjoni tinkludi għajnuna preferenzjali li tikser id-dritt tal-Unjoni Ewropea bl-effett li xandara minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea huma esklużi minħabba raġunijiet tekniċi, għaliex il-kontribuzzjonijiet jintużaw sabiex jiġi stabbilit metodu ta' trażmissjoni kompetittiv (DVB-T2 – monopolju), li l-użu tiegħu minn xandara barranin ma huwiex previst? L-Artikoli 107 u 108 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma japplikawx biss għal għajnuna finanzjarja diretta, iżda wkoll għal privileġġi b'rilevanza ekonomika (awtorizzazzjoni sabiex jinħareġ titolu eżekuttiv, setgħa li tittieħed azzjoni kemm inkwantu impriża ekonomika kif ukoll bħala awtorità pubblika, pożizzjoni aħjar sabiex jiġi kkalkolat id-dejn?)
- 3) Huwa kompatibbli mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-projibizzjoni ta' għajnuna preferenzjali jekk, permezz ta' liġi nazzjonali tal-Baden-Württemberg, xandar Ġermaniż, li huwa rregolat mid-dritt pubbliku u li huwa stabbilit bħala awtorità, li jikkompeti fl-istess ħin fis-suq tar-reklamar ma' xandara privati, ikun f'pożizzjoni privileġġata fil-konfront tagħhom, peress li huwa, b'mod differenti minnhom, ma għandux jadixxi qorti ordinarja rigward kreditu fil-konfront ta' spettaturi sabiex ikun jista' jimplementa eżekuzzjoni forzata, iżda jkun jista' huwa stess joħroġ titolu eżekuttiv, mingħajr il-bżonn li jadixxi qorti, li jawtorizzah bl-istess mod li jipproċedi fir-rigward ta' eżekuzzjoni forzata?
- 4) Huwa kompatibbli mal-Artikolu 10 tal-KEDB/l-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (libertà tal-informazzjoni) li Stat Membru jipprevedi f'liġi nazzjonali ta' Baden-Württemberg, li xandar, li huwa stabbilit bħala awtorità pubblika, jista' jeħtieġ taħt piena ta' multa l-ħlas ta' kontribuzzjoni intiża għall-finanzjament ta' dan ix-xandar minn kull adult residenti fit-territorju tax-xandir, indipendentement minn jekk dan għandux kwalunkwe tagħmir ta' riċezzjoni jew jużax biss xandara oħra, jiġifieri dawk barranin jew privati?